Nru. 17,781
Prezz Lm1.76c
Price Lm1.76c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 21 ta' Ġunju, 2005
Tuesday, 21st June, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 632

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 47 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 biex jemenda l-Kodiċi Ċivili.

Il-21 ta' Ġunju, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 632

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 47 entitled the Civil Code (Amendment) Act, 2005.

21st June, 2005

Nru. 633

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,779 u 17,780 ta' l-14 u s-17 ta' Ġunju, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 197 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' *Master of Philosphy – M.Phil.* – fil-Fakultà ta' l-Ekonomija, *Management u Accountancy*.

A.L. Nru. 198 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-*Diploma in Adult Training and Development* taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni.

A.L. Nru. 199 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.

No. 633

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,779 and 17,780 of the 14th and 17th June, 2005, respectively.

L.N. No. 197 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 amending the Bye-Laws for the degree of Master of Philosphy – M.Phil. – in the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. No. 198 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Adult Training and Development under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. No. 199 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bachelor

327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons).*

of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – Degree Course (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 200 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-*Diploma in Education (Individual Educational Needs)* taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni.

L.N. No. 200 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Education (Individual Educational Needs) under the auspices of the Faculty of Education.

A.L. Nru. 201 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' *Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – Youth and Community Studies* – taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni.

L.N. No. 201 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – Youth and Community Studies – under the auspices of the Faculty of Education.

A.L. Nru. 202 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-*Diploma in Commerce – Dip. Com.* – Taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, *Management* u *Accountancy*.

L.N. No. 202 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Commerce – Dip. Com. – under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. Nru. 203 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-*Post Qualification Diploma in Health Science – PQ Dip.H.Sc.* – u għall-Grad ta' *Master of Health Science – M.Sc. (Health)* .

L.N. No. 203 of 2005: Education Act (Cap. 327); The PostQualification Diploma in Health Science – PQ Dip.H.Sc. – and the Degree of Master of Health Science – M.Sc. (Health) – Course (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 204 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad.

L.N. No. 204 of 2005: Education Act (Cap. 327); University Undergraduate Awards (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 205 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 għall-Gradi ta' *Doctor of Philosophy – Ph.D.* – u *Master of Philosophy – M.Phil.* – fil-Fakultà ta' l-Inġinerija.

L.N. No. 205 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws for the Degrees of Doctor of Philosophy – Ph.D. – and Master of Philosophy – M.Phil. – in the Faculty of Engineering, 2005.

A.L. Nru. 206 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-*Diploma in Religious Studies* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija.

L.N. No. 206 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Religious Studies under the auspices of the Faculty of Theology.

A.L. Nru. 207 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-*Diploma in Diplomatic Studies* taħt il-patroċinju tal-*Mediterranean Academy of Diplomatic Studies*.

L.N. No. 207 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Diplomatic Studies under the auspices of the Mediterranean Academy of Diplomatic Studies.

A.L. Nru. 208 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.

L.N. No. 208 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-

327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għas-*Certificate in Islands and Small States Sudies* taħt il-patroċinju ta' l-*Institute for Islands and Small States*.

Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Certificate in Islands and Small States Studies under the auspices of the Institute for Islands and Small States.

A.L. Nru. 209 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-*Postgraduate Diploma in School Counselling – P.G. Dip. (Sch. Couns.).*

L.N. No. 209 of 2005: Education Act (Cap. 327); Postgraduate Diploma in School Counselling – P.G. Dip. (Sch. Couns.) – Course Regulations, 2005.

A.L. Nru. 210 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Conservation in Applied Conservation Studies – M.Cons.*

L.N. No. 210 of 2005: Education Act (Cap. 327); Master of Conservation in Applied Conservation Studies – M.Cons. – Degree Course Regulations, 2005.

A.L. Nru. 211 ta' l-2005: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2005 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

L.N. No. 211 of 2005: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 3) Order, 2005.

A.L. Nru. 212 ta' l-2005: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2005 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tas-Sudan.

L.N. No. 212 of 2005: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); United Nations Sanctions (Sudan) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 213 ta' l-2005: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

L.N. No. 213 of 2005: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); United Nations Sanctions (The Democratic Republic of the Congo) (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 214 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Iskema ta' Taħriġ Estiż fis-Snajja'.

L.N. No. 214 of 2005: Employment and Training Services Act (Cap. 343); Extended Skill Training Scheme (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 215 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 dwar is-Sillabi u/jew il-Programmi ta' Studju għall-Korsijiet li jwasslu għall-Professjonijiet fis-Settur tas-Saħħa.

L.N. No. 215 of 2005: Education Act (Cap. 327); Health Professions Course Syllabi and/or Programmes of Study Regulations, 2005.

A.L. Nru. 216 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' *Bachelor of Documentation Studies (Honours) - B.Doc. (Hons)* - taħt il-patroċinju ta' l-*Institute for Conservation and Restoration Studies*.

L.N. No. 216 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Documentation Studies (Honours) - B.Doc. (Hons) - under the auspices of the Institute for Conservation and Restoration Studies.

A.L. Nru. 217 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 għall-Gradi ta' *Doctor of Philosophy - Ph.D.* - u *Master of Philosophy - M.Phil.* - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut għall-Istudji tal-Malti.

L.N. No. 217 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 for the Degrees of Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - under the auspices of the Institute for Maltese Studies.

A.L. Nru. 218 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Ordinamenti ta' l-1999 għall-Gradi ta' *Master of Philosophy - M.Phil.* - u *Doctor of Philosophy - Ph.D.* - fil-Fakultà tal-Edukazzjoni.

L.N. No. 218 of 2005: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2005 amending the Bye-Laws of 1999 for the Degrees of Master of Philosophy - M.Phil. - and Doctor of Philosophy - Ph.D. - in the Faculty of Education.

A.L. Nru. 219 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' *Master in Integrated Development Planning*.

L.N. No. 219 of 2005: Education Act (Cap. 327); Master of Integrated Development Planning Course Regulations, 2005.

A.L. Nru. 220 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-*Postgraduate Diploma in Education (Inclusion and Individual Educational Needs in Primary Schools)*.

L.N. No. 220 of 2005: Education Act (Cap. 327); Postgraduate Diploma in Education (Inclusion and Individual Educational Needs in Primary Schools) Course Regulations, 2005.

A.L. Nru. 221 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Business Administration - M.B.A. - Executive Master of Business Administration - Executive M.B.A.* - u *Executive Master of Business Administration (e-Business) - Executive M.B.A. (e-Business)*.

L.N. No. 221 of 2005: Education Act (Cap. 327); Master of Business Administration Degree - M.B.A. - Executive Master of Business Administration Degree - Executive M.B.A. - and Executive Master of Business Administration (e-Business) Degree - Executive M.B.A. (e-Business) Course (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 222 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-*Postgraduate Diploma in Planning Studies*.

L.N. No. 222 of 2005: Education Act (Cap. 327); Postgraduate Diploma in Planning Studies Course Regulations, 2005.

A.L. Nru. 223 ta' l-2005: Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Iskeda ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Emenda Nru. 2).

L.N. No. 223 of 2005: Commissioners for Justice Act (Cap. 291); Commissioners for Justice Act (Schedule) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 224 ta' l-2005: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni ta' l-2005 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2).

L.N. No. 224 of 2005: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Delegation of Enforcement) (Amendment) (No. 2) Order, 2005.

A.L. Nru. 225 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar Kondizzjonijiet li Jirregolaw il-Preparazzjoni, t-Tpoġġiegħ fis-Suq u l-Użu ta' Għalf Medikat.

L.N. No. 225 of 2005: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Conditions governing the preparation, placing on the market and use of medicated feedingstuffs Rules, 2005.

A.L. Nru. 226 ta' l-2005: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-ikel.

L.N. No. 226 of 2005: Food Safety Act (Cap. 449); Sweeteners for Use in Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 227 ta' l-2005: Ordinanza dwar id-Dfin (Kap. 17); Ordni ta' l-2005 għall-prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra.

L.N. No. 227 of 2005: Burials Ordinance (Cap. 17); Prices Payable for the Acquisition of Graves and Grave Sites Order, 2005.

A.L. Nru. 228 ta' l-2005: Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Kap. 325); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju.

L.N. No. 228 of 2005: Business Promotion Act (Cap. 325); Business Promotion (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 229 ta' l-2005: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni ta' l-2005 dwar Delega ta' Funzjoni lill-Kunsill Lokali Birgu dwar il-Ħlas ta' Kontijiet lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

L.N. No. 229 of 2005: Local Councils Act (Cap. 363); Delegation of Function to Birgu Local Council (Water Services Corporation Utility Bills), Order 2005.

Il-21 ta' Ġunju, 2005

21st June, 2005

Nru. 634

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar is-Sibt, it-18 ta' Ġunju, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 624 tas-16 ta' Ġunju, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-18 ta' Ġunju, 2005
(OPM 1/2005)

No. 634

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Saturday, 18th June, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 624 of the 16th June, 2005, ceased to have effect accordingly.

18th June, 2005

Nru. 635

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għotja ta' kummissjoni fir-*rank* ta' *Second Lieutenant* fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari), lil dawn imsemmija hawn taħt, b'seħħ mid-data indikata wara isimhom:

L-Uffiċjal Kadett Audrey Aquilina, BA (Hons) Social Work – Is-7 ta' April 2005
L-Uffiċjal Kadett Christian Zammit Cordina – it-8 ta' April 2005

Il-21 ta' Ġunju, 2005
(OPM/441/1989)

No. 635

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

The President of Malta has been pleased to approve the grant of a commission in the rank of Second Lieutenant in the Armed Forces of Malta Regular Force, to the undermentioned, with effect from the date indicated against their names:

Officer Cadet Audrey Aquilina, BA (Hons) Social Work – 7th April 2005
Officer Cadet Christian Zammit Cordina – 8th April 2005

21st June, 2005

Nru. 636

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr J Brincat	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	22–25.6.2005

Il-21 ta' Ġunju, 2005

No. 636

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

21st June, 2005

Nru. 637

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 637

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2002 Pt 471	Raymond R. Muscat	S.R. Services Garage No. 1, Triq in-Naġġar, Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.8 51.9 52.6	09.12.02
CD/3209/2003 Pt 121	Kenneth Mizzi	The Body Shop 13, Dawret il-Gżejjer San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33	14.03.03
CD/3209/2005 Pt 180	Ray Borg	Tastella 5, Mountbatten Street Ħamrun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33 52.47 52.48.1 52.48.7 52.48.9	16.05.05
CD/3209/2005 Pt 206	Bryan Attard	Virtual World Triq Diċembru Tlettax Nadur, Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45 52.48.13	30.05.05
CD/3209/2005 Pt 211	Claire Bartolo	Claire's Hair Salon No. 3, Triq tas-Sisla Birkirkara	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI – Social and personal services*	93.021	06.06.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 213	Amanda Xuereb	Pisces Hair Salon 149, Triq it-Tabib Anton Tabone Rabat, Għawdex	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI – Social and personal services*	93.021 93.022	06.06.05
CD/3209/2005 Pt 214	Keith Scerri	Jacksons Installations Level -1/2, Scerri Building Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.05	06.06.05
CD/3209/2005 Pt 215	Keith Scerri	Jacksons Retail Ground Floor, Scerri Building Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	06.06.05
CD/3209/2005 Pt 216	Victor Scerri	St Anthony Woodworks Triq il-Fortizza Mosta	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	09.06.05
CD/3209/2005 Pt 218	Adam Farkas	Lagoon Diving Centre Salinas Park Qawra Road, Qawra	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.8	13.06.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Il-21 ta' Ġunju, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

21st June, 2005

Nru. 638

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Sezzjoni Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd

Proġett Parti-Finanzjat mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u mill-Unjoni Ewropea

Il-Politika Reġjonali Ewropea f'Malta - Fondi Strutturali 2004-2006

Strument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS)

Miżura 3.3

Sajd

Sotto-Miżura 3.3.1

Flotta

Skema – Modernizzazzjoni tal-Flotta

Linji ta' Gwida għall-Applikanti

1. Introduzzjoni:

Din hi miżura maħsuba biex ittejjeb il-kwalitajiet tal-flotta permezz ta' l- immodernizzar u ser tkun imħaddma b'tali mod illi l-kapaċità tal-flotta ma' żżidx tunellaġ u potenza fil-Flotta eżistenti. Din il-miżura tippermetti xogħol ta' immodernizzar ta' bastimenti tas-sajd fuq dawk preżenti. Dan jista' jiġi milħuq b' aktar apparat ta' saħħa u sigurtà, tagħmir ta' navigazzjoni aħjar, titjib fil-kundizzjonijiet sanitarji abbord, u titjib fuq il-post tax-xogħol.

Din il-miżura trid tintuża fi qbil mal-kundizzjonijiet tar-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea 2792/1999 li ġiet emendata bit-2369/2002 li tittratta fuq l-għajnuna strutturali mill-Komunità fis-sezzjoni tal-ħut. Din il-miżura maħsuba sabiex tħalli impatt pożittiv fuq l-ambjent naturali. Tħalli wkoll effett pożittiv fuq l-ambjent tax-xogħol abbord il-bastiment tas-sajd kif ukoll ittejjeb il-fattur ta' saħħa u sigurtà. Il-proġett ta' l-immodernizzar imsemmi m'għandux jirriżulta f'żieda fil-kapaċità għall-qbid tal-ħut u għalhekk mhux ser joħloq sajd (bla kontroll) eċċessiv. Kull proġett f'din l-iskema jrid dejjem iżomm mal-kunċett ġenerali li s-sajd irid ikun sostenibbli.

Total ta' 370,728 Euro fondi pubbliki (Dawk Maltin kif ukoll Ewropej) ser ikunu pprovduti. Il-proġetti jirċievu fondi sa massimu ta' 40% mill-fond ta' l-FIFG u mill-Gvern Malti. L-applikanti jkollhom iħallsu l-bqija, jiġifieri 60 fil-mija (60%) tal-proġett (Nett VAT).

Il-Valur Miżjud fuq it-Taxxa mhuwiex nefqa eliġibbli, din hija spiża li tried kollha kemm hi tiġi mħallsa mill-individwu li jirċievi l-għajnuna.

2. Oġġettivi:

L-immodernizzar magħmul taħt din il-miżura huwa maħsub sabiex jimmodera l-operazzjonijiet tas-sajd b'użu ta' tagħmir tas-sajd aktar selettiv jew tagħmir tas-sajd b'anqas impatt, metodi abbord sabiex jitnaqqas sajd mhux neċessarju u żvilupp fil-kwalità u sigurtà fuq il-prodotti maqbuda u ppreservati abbord. Din tinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' legaltajiet u regolamenti proviżorji tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, saħħa u sigurtà abbord.

3. Benefiċjarji:

B'din il-miżura ser jintlaqtu dawk il-bastimenti tas-sajd Kategorija A u B li huma rreġistrati fir-Reġistru tas-Sajd Malti sa mill-anqas f'dawn l-aħħar ħames snin. Il-benefiċċjarji magħżula taħt din l-iskema jikkonċernaw biss sidien ta' bastimenti operabbli li jkunu ħarġu jistadu ta' l-anqas ħamsa u sebgħin (75) ġurnata f'kull perjodu ta' tnax-il xahar ta' qabel id-data ta' l-applikazzjoni jew ta' l-anqas tmenin fil-mija (80%) tan-numru ta' ġranet fuq il-baħar permessi bir-regolamenti kurrenti għall-bastimenti kkonċernati.

4. Azzjonijiet eliġibbli

Ma tingħata l-ebda għajnuna fuq xogħol li beda qabel in-notifika uffiċjali li tinħareġ mill-awtorità kkonċernata lill-applikant suċċessur.

- Ristrutturar ta' partijiet tal-qafas tal-bastiment;
- Refriġirazzjoni u magna tas-silġ;
- Tagħmir tan-navigazzjoni;
- Apparat ta' saħħa u sigurtà;
- Titjib fil-kundizzjonijiet sanitarji abbord;
- *Winches* b'sigurtà aħjar jew fatturi li jkollhom saħħa ndaqs;
- Tagħmir tas-sajd aktar selettiv jew tagħmir tas-sajd b'anqas impatt;
- *Vessel Monitoring System* (VMS)
- Apparat ta' komunikazzjoni bħal ngħidu aħna 'Very High Frequency (VHF)', Citizen Band (CB), Global Marine Distress Signal System (GMDSS) u kommunikazzjonijiet tat-temp bl-internet.

5. Azzjonijiet mhux eliġibbli

- Żieda fit-tunellaġġ;
- Żieda fis-saħħa tal-magni jew bdil ta' magni;
- Żieda fis-saħħa ta' *winches*;
- Bdil ta' tagħmir tas-sajd lu hu akta selettiv milli huwa mitlub fir-regolamenti;
- Apparat li jintuża biex jinstab il-ħut li huwa aktar selettiv milli jitlobu r-regolamenti;
- Apparat mixtri użat;
- Il-Valur miżjud fuq it-taxxa (VAT) fuq l-oġġetti kollha;
- Konsultazzjoni sabiex jiġu ppreżentati d-dokumenti tal-proġett kollha.

6. Applikazzjonijiet:

Kull applikazzjoni jrid ikun fiha d-dettalji kollha kif speċifikati fil-formola pprovduta. Il-formoli jistgħu jinġabru mill-indirizzi li huma msemmija hawn taħt. Il-persuna li tissottometti l-applikazzjoni/jiet tkun mitluba turi l-Karta ta' l-Identità uffiċjali għal skopijiet ta' identifikazzjoni. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati. Wieħed għandu jissottometti l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti neċċessarji kollha, billi jmur biha personalment f'wieħed mill-indirizzi murija hawn taħt sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awissu, 2005.

Marco Cassar,
L-Uffiċċju, Programmi,
Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd,
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent,
Forti San Luċjan,
Triq Birzebbuġa ,
Marsaxlokk BBĠ 06,
Malta

L-Uffiċċju, Programmi,
Uffiċċju ta' l-Agrikoltura u Sajd,
Pjazza San Franġisk,
Rabat,
Għawdex

Tingħata rċevuta lill-persuna li tissottometti l-applikazzjoni.

F'każ ta' diffikultà jew biex tinkiseb aktar informazzjoni, wieħed għandu jirrikorri għand is-Sur Marco Cassar l-Uffiċjal inkarigat mill-Programmi, *Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd* jew billi jċempel fuq in-numru tat-telefon 21655525 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar.

L-applikazzjonijiet kollha jridu jkunu mimlija skond id-dettalji speċifikati fil-formula pprovduta. Kull applikazzjoni trid tkun akkumpanjata bi tliet stimi li jkunu jkopru l-proposta. Kull applikazzjoni trid tinkludi l-pjan tal-bastiment eżistenti u tried tidentifika fid-dettall ix-xogħol propost kollu. Dawn jiffurmaw il-parti teknika ta' l-azzjoni. Il-fondi jkunu kkunsidrati f'immodernizzar ta' bastimenti tas-sajd li jixtru apparat ġdid.

7. Aġġudikazzjoni:

L-aġġudikazzjoni ssir minn twaqqif ta' kumitat ta' għażla li jevala l-proġetti kollha. L-applikazzjonijiet ikunu kkunsidrati skond il-linji ta' kriterja stipulati hawn taħt. Wieħed jista' jara t-tabella ta' evalwazzjoni f'paġna 6699.

- Nies iżgħar fl-età. Il-preferenza tingħata għall-persuni iżgħar fl-età (sidien u *crew*) u hija mqassma f'ħames livelli.
- Il-valur ta' qbid ta' ħut mdaħħal il-pixkerija. Preferenza tingħata lil dawk li jkollhom l-aktar valur u hija mqassma fi tliet livelli.
- In-numru ta' ljieli fuq il-baħar fis-sena u kemm wieħed ilu jistad. Il-preferenza tingħata għall-akbar valuri.
- Min ma ħax assistenza relatata ma' l-immodernizzar tal-perjodu ta' *pre-accession* (200-2004). Preferenza tingħata lil dawk li ħadu l-inqas u hija mqassma fuq tliet livelli.
- Sess: Meta ssir l-evalwazzjoni tal-kriterja ta' l-eta', jekk is-sid jew xi membru ta' l-ekwipaġġ tkun mara, il-punti relattivi għall-dik il-persuna jiġu rduppjati.

8. Dokumenti:

Id-dokumenti kollha sottomessi jrid ikun fihom referenza ta' oriġni biex wieħed ikun jista' jikkonferma l-awtentiċità. Iridu jitniżżlu d-dettalji kollha dwar l-aġenzija, istituzzjoni jew korp minn fejn ikunu nħarġu d-dokumenti. Id-dokumenti kollha meħtieġa maħruġa jridu jkunu ffirmati mill-uffiċjal uffiċjali inkarigat tas-sezzjoni jew dipartiment. Id-dokumenti kollha jridu jkunu oriġinali.

Lista ta' Dokumenti

- Il-Pjanijiet tal-bastiment eżistenti u l-pjanijiet tax-xogħol propost ta' l-immodernizzar.
- Ċertifikati maħruġa mill-ETC tal-*skipper*/*master* and membri tal-*crew* u kopji tal-*Cards* tas-sajjieda.
- Kopji ta' l-*ID cards*.
- Kopji tal-Liċenzja tas-sajd Kategorija A u B ta' dawn l-aħħar ħames snin.
- Kopji ta' reġistrazzjoni tar-reġistru Malti tas-sajd ta' dawn l-aħħar sentejn.
- Il-proposta ta' l-ispiża ddettaljata.
- Id-dettalji kollha tal-bank ta' l-applikant.
- In-numru tal-kont bankarju ta' l-applikant.
- 3 Stimi għal kull ħaġa eliġibbli.
- In-numru ta' sajd fuq il-baħar.
- Ċertifkat ta' bejgħ ta' ħut maħruġ mis-sezzjoni tal-Bejgħ fit-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd għal dawn l-aħħar tliet snin.
- Kontijiet ta' profitt u telf ta' dawn l-aħħar tliet snin.

- L-estimi ta' tunellaġġ u saħħa skond Annex 1 tal-Konvenzjoni tat-Tunellaġġ ta' Londra ta' l-1969. (F'każ ta' xi nuqqas ta' qbil nikkunsidraw it-tunellaġġ reġistrat mar-reġistru tas-sajd Malti kkalkulat min formula linjari għall-bastimenti taħt il-15-il metru LOA (tul).
- Rapport qasir jiddiskrivi x-xogħol u kif il-proposta ser tissodisfa l-gwida ta' applikazzjoni.

9. Riżultati:

Ir-riżultati tas-sottomissjonijiet ikunu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq it-tabella ta' l-avviżi fl-Uffiċċju tad-Direttur, Servizzi Korporati, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u fuq il-*website* tal-Fisheries: http://www.maltafisheries.gov.mt/. Avviż fl-istampa lokali jindika d-data meta jkunu nħarġu r-riżultati. Il-proġetti jkunu inklużi fil-lista skond ordni ta' mertu u dawk li jkunu ser jingħataw l-fondi jkunu jidhru miktubin 'il fuq min linja sewda ħoxna li taqsam il-benefiċarji mill-appliakanti li ma kellhomx suċċess. Dettalji ta' l-applikanti li ma' jkunux intgħażlu tkun limitata għan-numru ta' applikazzjoni u n-numru tal-karta ta' l-identità biss. Kandidati li jkunu ġew magħżula biss ikunu kkuntattjati fuq bażi individwali minn uffiċjal mit-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd.

10. Ħlasijiet u Proċess ta' Moniteraġġ:

L-Ammont massimu ta' fondi huwa elaborat pro-rata skond it-tabella ta' hawn taħt. It-tabella hija skond ir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea 2792/1999 li ġiet emendata bit-2369/2002 li tittratta fuq l-għajnuna strutturali mill-Komunità fis-sezzjoni tal-ħut.

GT	€ Euros	€ Euros
0<10	11,000/GT	+ € 2,000
0<25	5,000/GT	+ € 62,000
25<100	4,200/GT	+ € 82,000
100<300	2,700/GT	+ € 232,000
300<500	2,200/GT	+ € 382,000
500 & above	1,200/GT	+ € 882,000

Wara li jsir il-kuntratt ta' qbil bejn l-applikant u t-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, il-kandidat suċċessur jiġi kkuntattjat sabiex jippreżenta garanzija bankarja għall-valur ekwivalenti tal-pagament sakemm idum sejjer il-proġett. L-irċevuti fiskali oriġinali ta' l-oġġetti eliġibbli approvati għall-ħlas taħt din l-iskema jridu jiġu mgħoddija lit-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd. F'kull każ l-irċevuti fiskali li ġew sottometti jriedu juru l-valur miżjud fuq it-taxxa separat għaliex il-valur miżjud fuq it-taxxa jrid jiġi mħallas kollu kemm hu mill-individwu. It-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd ma tawtorizzax pagamenti għall-oġġetti li ma tintweriex l-irċevuta fiskali oriġinali tagħhom.

Pagamenti jsiru permezz ta' trasferiment bankarju ġol-kont bankarju ta' l-individwu maħruġ mill-Bank Ċentrali ta' Malta wara struzzjonijiet mid-Dipartiment tat-Teżor. Taħt din l-iskema approvata, pagamenti magħmula mill-applikanti lil distributuri għal kull servizz/xogħol magħmul b'konnessjoni ma' l-irċevuti li jkunu ġew sottometti, iridu jsiru permezz ta' trasferiment bankarju ġol-kont bankarju tad-distributur.

Wara li jkun iffirmat il-ftehim ta' qbil mal-kandidat suċċessur, l-irċevuti fiskali jridu jiġu sottometti bl-idejn lit-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd. 80% ekwivalenti mill-għajnuna totali ta' l-ispiża tista' tiġi mogħtija magħtul iż-żmien tal-proġett sakemm it-talba eliġibbli tkun tikkonċerna l-proġett.

11. Spezzjonijiet fuq il-post:

It-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd flimkien mad-Direttorat ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent huma responsabbli għall-ħarsien ta' l-implimentazzjoni tal-proġett. Viżti fuq is-sita fejn ikun qed jinħadem il-proġett jiġu magħmula sabiex tiġi appruvata l-konsistenza bejn d-dokumenti sottometti u x-xogħol attwali li jkun qed isir. Il-viżti fuq is-sit jsiru waqt l-implimentazzjoni tal-proġett sabiex jiċċertifika li l-irċevuti sottometti jirreferu għax-xogħol attwali li jkun qed isir.

L-ispezzjoni fuq il-post tivverifika l-kundizzjonijiet ta' l-għajnuna relatata ma';

1. L-iffirmar tal-kuntratt;
2. Pagamenti Finali;
3. Ir-reġistru tas-sajd;
4. It-tunellaġġ tal-bastiment;
5. Is-saħħa ta' magni u *winches*.

12. L-Aħħar Sottomissjonijiet:

L-irċevuti fiskali oriġinali li jkollhom x'jaqsmu mal-proposta għall-aħħar pagament iriedu jiġu sottometti fil-ħin stipulat tal-kuntratt. Ma' dawn id-dokumenti jrid jiġi ppreżentat rapport minn enġinier sabiex jiddikjara li x-xogħol tal-proposta twettaq. L-aħħar 20% tal-pagament jsir wara li r-rapport mill-enġinier u l-irċevuti fiskali kollha li jikkonċernaw il-proġett ikunu sottometti.

It-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd iżżomm id-dritt li tispezzjona l-proġetti f'kull stadju minn uffiċjali tal-protezzjoni jew persuni oħra mqabbda.

13. Pubbliċità:

Regolament EC 1159/2000 jitlob li l-benefiċjarji li jirċievu l-għajnuna jridu jqiegħdu plakka kommemorattiva li tirrapreżenta proġetti parti finanzjati mill-fondi strutturali. Il-plakka tried tiġi mwaħħla ma' barra tal-kabina li ma tkunx iżgħar minn 30 x 15 ċentimetru u tkun aċċessibbli mill-publiku ġenerali. Aktar dettalji jingħataw lill benefiċjarju hekk kif jiffirma l-kuntratt.

14. Kundizzjonijiet:

1. Dawk il-bastimenti tas-sajd li jkunu ġew immodernizzati taħt dan il-programm ta' għajnuna ma jkunux jistgħu jwaqqfu l-operazzjonijiet tas-sajd tagħhom sa għaxar (10) snin mid-data ta' din l-għajnuna. Jekk għal xi raġuni jew oħra dawn il-bastimenti jitneħħew mir-reġistru tas-sajd Malti, l-għajnuna finanzjarja li tkun ingħatat trid titħallas lura fuq bażi *'pro-rata temporis'*, anki f'każ li jkun irrappurtat xi irregolarità. F'każ ta' dan il-benefiċjarju jkun jeħtieġ li jħallas għall-bqija tas-snin.

2. Iżommu rendikonti finanzjarju tal-kumpanija għal għaxar snin wara li l-proġett ikun tlesta.

3. Ma tiġix ipprovduta informazzjoni falza jew mhux vera.

Tabella ta' Evalwazzjoni

- Nies iżgħar fl-età. Il-preferenza tingħata għall-persuni iżgħar fl-eta' (sidin u *crew*) u hija mqassma f' ħames livelli.

  Il-medja tal-punti tas-sid jew tal-ekwipaġġ jiġu evalwati fejn in-numru ta' sajjieda impjegati *full-time* biss li ffurmaw il-*crew* f'dawn l-aħħar tliet snin jiġu kkunsidrati.

Kriterja	Għan	Punti	Punteġġ
Età			
	<45	20	
	46-50	15	
	51-55	10	
	56-65	5	
	>66	0	

- Il-valur ta' qbid ta' ħut imdaħħal il-pixkerija. Preferenza tingħata lil dawk li jkollhom l-aktar valur u hija mqassma fi tliet livelli.

  Il-medja ta' qbid ta' ħut ta' dawn l-aħħar tliet snin tiġi kkunsidrata.

Kriterja	Għan	Punti	Punteġġ
Valur ta' qbid ta' ħut irreġistrat	>euros 150,000	10	
	100,000 - 149,000	7	
	<euros 99,999	2	

- In-numru ta' ljieli fuq il-baħar fis-sena ta' kemm wieħed ilu jistad. Il-preferenza tingħata għall akbar valuri.

Kriterja	Għan	Punti	Punteġġ
Ġranet ta' Sajd fuq il-baħar 2003 2004			
	>121	10	
	101 - 120	8	
	80 - 100	5	
	75 - 79	3	

- Min ma ħax assistenza relatata ma' l-immodernizzar tal-perjodu ta' *pre-accession* (200-2004). Preferenza tingħata lil dawk li ma ħadux assistenza u hija mqassma fuq tliet livelli.

Kriterja	Għan	Punti	Punteġġ
Assistenza ta' Qabel	Mhux assistit f'dawn l-aħħar ħames snin	10	
	Mhux assistit f'dawn l-aħħar tliet snin	7	
	Mhux assistit f'dawn l-aħħar sentejn	5	

- Sess: Meta ssir l-evalwazzjoni tal-kriterja ta' l-età, jekk is-sid jew xi membru ta' l-ekwipaġġ tkun mara, il-punti relattivi għall-dik il-persuna jiġu rduppjati.

Riżultat	

Il-21 ta' Ġunju, 2005

No. 638

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Fisheries Conservation and Control Division

Project Part-Financed by the Ministry for Rural Affairs and the Environment and by the European Union

The European Regional Policy in Malta - Malta's Single Programming Document

Structural Funds 2004 - 2006

Financial Instrument for Fisheries Guidance (FIFG)

Measure 3.3

Fisheries

Sub-Measure 3.3.1

Fleet

Fleet Modernisation Scheme

Guidelines for Applicants

1. Introduction:

This measure is aimed at improvement of the fleet through modernisation and will be managed in such a way that the fishing capacity does not exceed the tonnage and power of the present fleet. The activities under this measure involve modernisation of the existing fishing vessels. This could be reached through, better health and safety equipment, better navigational equipment, improvement of hygiene on board and improvement in the working conditions.

Administration of this project has to be in line with the European Union Regulation 2792/1999 as last amended by 2369/2002 regarding the Community Structural Assistance in the fisheries sector. This measure is aimed to enable a positive impact on the natural environment. This could also leave a positive impact on the working conditions on board the fishing vessel and improve health and safety conditions. This modernisation projects should not result in increased fishing capacities and therefore should not be a cause of over-fishing. At all times, any project within the scheme must retain the general concept of sustainability in fisheries.

A total of 370,728 Euros public funds (Malta and EU (FIFG) Funds) are being made available. Projects will receive a maximum funding of 40% from the FIFG fund and from the Maltese Government. The applicants will have to co-finance the remaining 60% of the project (Net of VAT).

Value Added Tax is not an eligible expense; it is a cost to be totally borne by the final recipient of the aid.

2. Objectives:

Modernisation made under this measure is aimed at the rationalisation of fishing operations by the use of more selective fishing gear or low impact fishing technologies and methods on board in order to avoid undesirable by-catches and improvement of the quality and safety of products caught and preserved on board, and the use of more selective fishing techniques. It also involves the implementation of legal and regulatory provisions of the working conditions and health and safety on board.

3. Beneficiaries:

This measure is directed towards Category A and B fishing vessels existing in the Maltese Fishing Register for at least the last five years. The end beneficiaries resulting from this measure will be the boat owners of operational fishing boats which have carried out fishing activity for at least 75 days in each of the period of twelve months preceding the date of the application or at least 80% of the number of days at sea permitted by current regulations for the vessel concerned.

4. Eligible Actions

No aid may be granted in respect to work undertaken prior official notification of successful applicants by the competent authority.

- Refurbishment of parts of the hull;
- Refrigeration and ice making capabilities;
- Navigational equipment;
- Health and Safety equipment;
- Improvement of hygiene on board;
- Winches with increased safety guards or features of equal power;
- More selective fishing gear or low impact fishing gears;
- Vessel Monitoring System (VMS);
- Communications equipment such as Very High Frequency (VHF), Citizen Band (CB), Global Marine Distress and Safety System (GMDSS), and weather links through internet.

5. Non – Eligible Actions

- Increase in tonnage;
- Increase in power of engines or change in engines;
- Increase in power of winches;
- Replacement of Fishing gear that is more selective than that requested by regulations;
- Fish finding equipment;
- Second hand items;
- Value Added Tax on all items;
- Consultancies for producing the project documentation.

6. Applications:

These forms may be collected from the addresses listed hereunder. The person submitting the application/s is requested to provide his/her official Identity Card for identification purposes. Late applications will not be considered. Applications together with all supportive documents as specified must be submitted, in person, by Friday 5th August, 2005 by noon at one of the following addresses:

Mr Marco Cassar,
The Programmes Office,
Fisheries Conservation and Control Division,
Ministry for Rural Affairs and the Environment,
Fort San Lucjan,
Birzebbugia Road,
Marsaxlokk BBG 06,
Malta

The Programmes Office,
Agriculture and Fisheries Office,
St. Francis Square,
Victoria,
Gozo

An Acknowledgement Submission receipt will be issued to the person submitting the application.

Any queries should be addressed to the Programmes Officer (Mr Marco Cassar), Fisheries Conservation and Control Division Fort San Lucjan M'Xlokk, who may be contacted on telephone number 21655525 from 8.00am till 12.00 noon.

All applications necessitate full details as specified in the form provided. Each application has to be accompanied by three quotations covering the proposal. Each application has to include plans of the existing vessel and has to identify in detail all proposed works. These will form the technical part of the deed. Funding will only be considered for modernizing fishing with new equipment.

7. Adjudication:

Adjudication will be carried out by a setup of an evaluation project selection committee. Weightings will be allotted on the basis of the criteria outlined hereunder. To see the full Evaluation Grid go to page 6705.

- Age, preference for younger persons (owners and crew) according to a five stage ranking procedure.
- Value of registered landings, preference for higher values according to a three stage ranking procedure.
- Number of fishing days per year and years of fishing, preference for higher ranked.
- Previous assistance, related in the pre accession period (2000 – 2004). Preference for those not previously assisted according to a three stage ranking procedure.
- Gender Equality: Points for female owners or female members of the crew will be doubled when valuating the Age Criterion.

8. Documents:

All documents submitted should carry reference of their origin to enable confirmation. All details of the confirmation agency, institution or body must be included. The documents required have to be signed by the official officer in charge of the section or department releasing them. All documents have to be originals.

List of Documents

- The plans of the present vessel and the plans for the proposed modernisation works.
- ETC certificates for the skipper/master and crew members and copies of Fishermen's cards.
- Copies of ID cards.
- Copy of 'Fisheries Licence' Category A and B for the last five years.
- Copy of 'Malta Shipping Register' registration certificate for last two years.
- The proposed financial budget in detail.
- Applicant's banker's details.
- Applicant's Bank account number
- Three quotations per eligible item.
- Number of fishing days per year,
- Sales certificate issued by the market section on the Fisheries Conservation and Control Division for the last three years.
- Profit and Loss Account for the last three years.
- The estimates of the tonnage and power according to Annex 1 of the 1969 London Tonnage Convention. (In case of dispute tonnage registered in Fishing Vessel registered database calculated with a linear formula for vessels under 15 metres LOA (length overall) will be considered as definite tonnage).
- A short statement describing the works and underlining how this proposal fulfils the guideline for applications

9. Results:

The results of the submissions will be published in the Government Gazette and on the notice board at the office of the Director, Corporate Services, and MRAE and on the Fisheries website: http://www.maltafisheries.gov.mt/. An advert in the local press will indicate the date of such publication. Projects will be listed in order of merit and the ones that will be funded will appear above a solid black line where as unsuccessful applicants will be listed below this black line. Details of the unsuccessful applicants will be limited to the application number and Identity Card only. Successful candidates only will be contacted on an individual basis by a Fisheries Conservation and Control Division official.

10. Payments and Monitoring Process:

The maximum amounts to be funded will be elaborated pro rata in accordance with the sections of the following table hereunder. The table is according the European Union Regulation 2792/1999 as last amended by 2369/2002 regarding the Community Structural Assistance in the fisheries sector.

GT	€ Euros	€ Euros
0<10	11,000/GT	+ € 2,000
10<25	5,000/GT	+ € 62,000
25<100	4,200/GT	+ € 82,000
100<300	2,700/GT	+ € 232,000
300<500	2,200/GT	+ € 382,000
500 & above	1,200/GT	+ € 882,000

Following the finalisation of the contractual agreement between the applicants and FCCD, the successful candidates will be contacted to produce a bank guarantee for the equivalent value of the financement and for the duration of the contract period. Fiscal receipts are to be submitted to FCCD, in original, for the eligible items approved for co-financing under the scheme. In all cases, all submitted receipts are to be presented with the VAT element separated given that the Value Added Tax will be totally borne by the individual. FCCD cannot issue certification for the payment of items for which no such original fiscal receipts have been submitted.

Payments will be disbursed by a bank transfer in an individual bank account affected by the Central Bank of Malta following instructions by the Treasury Department. Payments made by applicants for any services/works made in conjunction to receipts that will be reimbursed under this approved scheme are encouraged to be done by a bank transfer rather than by cash.

Fiscal receipts can be submitted by hand to FCCD for reimbursement throughout the lifetime of the project immediately after the signing of the deed with the successful candidates. The equivalent of 80% from the total grant can be exhausted for claims throughout the lifetime of the project as when payments of eligible cost related to the project arises.

11. On the Spot Checks

Fisheries Conservation and Control Division together with the EU Affairs Directorate within the Ministry for Rural Affairs and the Environment will be responsible for the monitoring of the project implementation. Site visits will be made to project sites in order to verify the consistency between submitted documents and actual works carried out. The

site visits will be carried out during project implementation, in order to certify that submitted receipts refer to actual works carried out on the project site.

The on-the-spot checks verify the conditions of aid relating to;

1. The signing of the contract;
2. Final payment;
3. The Fishing fleet registry;
4. Tonnage of the vessel;
5. Power of engines and winches.

12. Final Submissions:

The original fiscal receipts covering proposals for final payments have to be submitted within the time scheduled in the deed. An engineer's report declaring the completion of the project proposed shall be included with these submissions. The last 20% of the total grant will be affected after the engineer's report is handed in together with the rest of the related original receipts.

The FCCD retain the right to inspect the project at any stage through its Fisheries Protection Officers or any other appointed person/s.

13. Publicity:

As per EC Regulation 1159/2000 beneficiaries receiving the grant will be requested to place a commemorative plaque fixed on the outside of the cabin not smaller than 30 x 15centimetres accessible to the general public which represents projects part-financed by the Structural Funds. Specifications will be given to the beneficiary upon the signing of the contract.

14. Conditions:

By requesting the grant the beneficiaries acknowledges that;

1. Vessels modernised under this aid programme will be bound to be in fishing operations for the next ten (10) years from the date of finalization of the project. Should vessels be removed from the Malta Fishing Registry, the allocated funds must be refunded bask on a *pro-rata temporis* basis even in cases whereby after completion of the project irregularities are identified. In such cases the final recipient will be necessitated to pay back the remaining years.

2. Keep business records for ten (10) years after completion of the project for auditing purposes.

3. No false or untrue information is provided.

Evaluation Grid

- Age, preference for younger persons (owners and crew) according to a five stage ranking procedure.

  The average of the points evaluated of the owner and crew will be taken into consideration whereby only the number of full time fishermen that formed the crew in the last 3 years will be taken into consideration.

Criterion	Range	Points	Score
Age			
	<45	20	
	46-50	15	
	51-55	10	
	56-65	5	
	>66	0	

- Value of registered landings, preference for higher values according to a three stage ranking procedure.

  The average of landings of the last 3 years will be considered.

Criterion	Range	Points	Score
Value of registered landings			
	>euros 150,000	10	
	100,000 - 149,000	7	
	<euros 99,999	2	

- Number of fishing days per year and years of fishing, preference for higher ranked. This will be calculated in line with days of sale of landings.

Criterion	Range	Points	Score
Days of Fishing at Sea During 2003 2004			
	>121	10	
	101 - 120	8	
	80 - 100	5	
	75 - 79	3	

- Previous assistance related to modernisation in the pre-accession period (2002 -2004). Preference for those not previously assisted according to a three stage ranking procedure. Preference will be given as follows;

Criterion	Range	Points	Score
Previous Assistance	not assisted during the last 5 years	10	
